MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2008

Mandat Numru. 790/2008/1

**Rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni Numru 790/2008 fl-ismijiet:-**

**Joseph Attard u martu Vicenza Attard ghal kull interess li jista’ jkollha.**

**vs**

**Mario Attard u martu Antonia Attard ghal kull interess li jista’ jkollha.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ghall-hrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni ta’ Joseph Attard (ID 738952 M) et datat 27 ta’ Mejju 2008 a fol. 1 tal-process fejn ir-rikorrenti talbu li jzommu l-intmati milli

juzaw il-provvista tas-servizz tal-kurrent elettriku li jissupplixxi l-barriera tal-gebel maghrufa bhala Ta’ Kuttaf Gandolf f’Valletta Road, drabi ohra indikata bhala fl-Imqabba u ohrajn f’Hal Kirkop.

Illi dan peress li huma qed isostnu li l-arlogg tal-konsum tal-provvista tal-kurrent elettriku jaghjjat lir-rikorrent Joseph Attard biss u ghalhekk hu unikament responsabbli mal-Water Services Corporation ghall-hlas tal-konsum kollu, u l-kont prezenti jammonta ghal eluf ta’ Ewro.

Illi l-intimat qieghed juza’ dan is-servizz tad-dawl ghal sieghat twal ta’ kuljum biex jahdem f’parti mill-imsemmija barriera, u qed jikkonsma ‘units’ kbar ta’ kurrent elettriku biex ihaddem l-ingenji tieghu, izda ghal dak li jirrigwardja hlas tal-kont tad-dawl, qieghed jew jaghzel li jhallas kemm jidhirlu hu jew addirittura jopponi li jhallas, bil-konsegwenza li jkollu jhallas ir-rikorrent.

Illi r-rikorrent ma jridx li jaqbad u jissospendi s-servizz tad-dawl ghalkemm jista’ jaghmel dan *stante* li s-servizz qieghed f’ismu, izda qed jirrikorri ghal din il-procedura sabiex isir bl-awtorita` ta’ din il-Qorti.

Illi f’kull eventwalita` r-rikorrenti ma jridx illi l-intimat jibqa’ jikkonsma kurrent elettriku mill-provvista tieghu u mill-arlogg li hu f’ ismu.

Rat id-digriet tal-lmhallef sedenti tat-23 ta’ Mejju 2008 fejn il-Qorti appuntat l-istess rikors ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ Gunju 2008, u ordnat in-notifika ta’ l-istess rikors lill-kontro parti b’erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta.

Rat ir-risposta tal-intimati datata 6 ta’ Gunju 2008 (fol. 7) fejn qed isostnu li din il-pendenza hija biss minn sensiela ta’ evenimenti bejn il-partijiet li huma ahwa u *“shab fl-operazzjoni ta’ barriera f’Valletta Road, Zurrieq,* u jallega li dwar l-istess kienet saret qasma permezz ta’ skittura privata li llum ir-rikorrenti qed jghid li ma tiswiex u l-qasma trid issir mill-gdid; il-*meter* applikaw ghalih iz-zewg partijiet, b’dan li l-kont johrog fuq Joseph Attard, izda kull parti ghandha *sub-meter* separat sabiex jigi stabbilit il-

konsum bejn il-partijiet, izda meta beda l-inkwiet ir-rikorrenti hedded li jaqta' d-dawl lill-intimat, u dan iggrava meta s-*sub-meter* tar-rikorrenti sofra hsara li ma rrangax u b'hekk ir-rikorrenti beda jinsisti li l-kont jinqasam bejniethom, mentri li l-intimat isostni li huwa ghandu jhallas skond dak indikat fis-sub*meter* tieghu li jinsisti li jahdem tajjeb; skond il-ftehim li kien intlahaq bejn il-partijiet dwar il-qsim tal-barriera dan kien jinkludi li l-*meter* ezistenti jdur fuq l-intimat u r-rikorrenti jaghmel *meter* ghalih u dan hemm xhud persuna maghrufa bhala "id-Dadu", izda r-rikorrenti rrifjuta li jonora l-ftehim; b'hekk l-intimat qed jghid li l-istess *meter* jappartjeni lit-tnejn ghaliex it-tnejn kienu applikaw ghalih u b'hekk mhux car fuq liema bazi qed jigi mitlub li l-intimat jigi inibit milli juza' l-provista ta' l-elettriku, u dan bla pregudizzju ghall-kwistjoni ezistenti dwar il-konsum rispettiv, li effettivament tammonta ghall-cirka €1,164.69 (Lm500); biex ir-rikorrenti japplika ghall-*meter* separat hemm spejjez kbar u dewmien twil ghaliex trid issir kamra mill-gdid u hemm bzonn il-permessi tal-MEPA, u jekk il-mandat jintlaqa' l-intimat jigi awtomatikament ipprivat mill-ghixien tieghu ghal tul ta' zmien indeterminat fil-waqt li mhux car il-pregudizzju li r-rikorrenti qed jilmenta minnu.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2008 meta ssejjah ir-rikors dehru d-difensuri tal-partijiet u l-partijiet. Dr. Gianfranco Gauci jiddikjara li fuq il-kont attwalment pendenti li huwa ta' €6,320.94 (LM2,713.58) ma jafx kemm ghandu jhallas il-klijent tieghu pero` lest li jhallas minnu €1,995.78 (Lm856.79). Id-difensuri trattaw il-kaz. Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-procedura ittentata mir-rikorrenti hija dik *ai termini* tal-**artikolu 873 tal-Kap 12** li jiddisponi fis-**sub-artikolu 2** tal-istess illi:-

*"Il-Qorti m'ghandhiex tohrog mandat bhal dak jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex iharsu id-drittijiet tar-rikorrenti, u li dak ir-rikorrenti prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet".*

Illi ghalhekk jidher car li l-elementi rikjesti sabiex jigi spedit Mandat ta' Inibizzjoni huma anke skond is-sentenza "**Giacomo Galea vs Pio Bezzina"** (A.C. 5 ta' Awissu 1954) **u "Id-Direttur tal-Kuntratti et vs George Xuereb"** (K.G.V. 14 ta' Gunju 1995) huma tlieta:-

(a) Ir-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti elenkati **fl-artikolu 873 (1),** u cioe' sabiex att jigi imwaqqaf milli jsir;

(b) Illi jkun jidher *"prima facie"* li min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi haga li biha jista' jirrekalu hsara jew molestja;

(c) Id-dritt huwa necessarju biex jigi konservat id-dritt tar-rikorrenti, u mhux sempliciment biex jigu evitati danni, li jistghu dejjem jigu kwantifikati u rimedjati b'azzjoni *ad hoc*, u dan kif gie ukoll stabbilit bid-decizzjonijiet **"Angelo Xuereb nomine vs Marin Hili"** (K. (N.A.) 22 ta' Settembru 1995) **"Freeport Terminal p.l.c. vs Union Haddiema Maghqudin"** (P.A. (RCP) 2 ta' Frar 1999).

Illi din il-Qorti thoss li dak li jirrizulta mill-atti processwali huwa li effettivament l-imsemmija barriera qed tinhadem miz-zewg partijiet Joseph u Mario ahwa Attard, u din kienet tinhadem bi shab bejniethom, izda effettivament jidher li b'xi mod kull parti qed tahdem parti, izda dan b'mod informali ghaliex jidher li kien sar tentattiv ta' ftehim kif kellu jinqasam ix-xoghol jew inkella kif kellha tinqasam l-istess barriera, ftehim li gie redatt in iskritt, li pero' baqa' ma giex esebit, u li r-rikorrenti qed isostni li mhux validu.

Illi mela allura jirrizulta li fl-istess barriera qed jahdmu z-zewg partijiet, izda sabiex jahdmu qed juzaw l-istess

*meter* tad-dawl, li jinsab intestat unikament fuq r-rikorrenti, u l-problema hija li l-istess rikorrenti jsostni li l-istess konsum li qed jigi registrat fuq l-istess *meter* u li huwa obbligat li jhallas peress li dan jinsab registrat fuq ismu, ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet, mentri l-intimat qed isostni li huwa ghandu jhallas biss kemm jallega li qed juza', ghaliex dan jinsab registrat fuq is-*sub-meter* tieghu, mentri r-rikorrenti kellu *sub-meter* izda peress li dan ghandu l-hsara, mhux qed jigi registrat min-naha tieghu u separatament il-konsum tieghu. Fil-fatt jidher li hemm diskrepanza bejn il-partijiet fuq l-ahhar zewg kontijiet li hija ta' iktar minn €1164.69 (Lm500) msemmija fir-risposta tal-intimat.

Illi din il-Qorti thoss li effettivament jidher li z-zewg partijiet ghadhom it-tnejn qed jahdmu l-istess barriera u la darba ma kkonkludewx skond il-ligi l-qsim tal-istess barriera, jew kif l-operazzjoni bi shab tal-istess tista' tigi terminata, mela allura kollox ghandu jinqasam skond is-sehem li kull wiehed ghandu fl-istess barriera u dan japplika anke ghall-konsum tad-dawl ghall-uzu ta' ingenji tal-istess barriera, salv xi prova ulterjuri li ovvjament dan mhux il-forum fejn l-istess ghandu jigi dettaljatament ezaminat, u dan in kwantu din il-pendenza ghandha tigi deciza biss fuq bazi ta' *prima facie.* Dan japplika rrespettivament fuq min jinsab registrat l-istess *meter* tad-dawl, u dan peress li tali *meter* tad-dawl qed manifestament iservi liz-zewg shab fl-istess operazzjoni, ghalkemm din il-Qorti ma tistax lanqas tinjora li mal-Awtoritajiet kompetenti huwa l-persuna li huwa registrat bhala konsumatur li huwa responsabbli ghall-hlas; ghalkemm din ovvjament ma hijiex sitwazzjoni jdeali ghar-rikorrenti, din il-Qorti thoss li l-istess rikorrenti ghandu rimedju li jfittex lill-istess intimat sabiex ihallas is-sehem dovut minnu.

Illi din l-evalwazzjoni kif hawn indikat hija differenti minn dik sottomessa mill-intimati, (u din il-Qorti zzid li ma taqbilx lanqas ma' dak sottomess mill-istess intimati fl-ewwel parti tas-seba' (7) paragrafu tar-risposta tieghu u dan peress li dan *se mai* japplika ghal kull parti li trid taghmel *meter* gdid), izda din il-Qorti thoss li r-rikorrenti ghandu l-mezzi disponibbli sabiex jipproteggi l-interessi

tieghu anke permezz ta' proceduri idonei u appositi sabiex jekk inhu l-kaz jithallas mill-intimat is-sehem li huwa obbligat ihallas ghall-ispejjez ghat-thaddim tal-istess barriera, inkluz allura s-sehem fil-konsum tad-dawl, u konsegwentement it-talba tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa' peress li ma giex ippruvat li l-hrug tal-istess mandat huwa necessarju sabiex ir-rikorrenti jissalvagwardja d-drittijiet minnu vantati, tant li din il-Qorti thoss li jekk ma jinharigx dan il-mandat, dan ma jwassalx sabiex l-istess drittijiet tar-rikorrenti jigu rremedjabbilment pregudikati u ghalhekk almenu f'dan l-istadju ta' disputa bejn il-partijiet, ir-rikorrenti naqas li jipprova wiehed mill-elementi mehtiega sabiex tali talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tigi milqugha u cjoe' li l-istess mandat huwa necessarju ghaliex altrimenti r-rikorrenti kien ser isofri pregudizzju rremedjabbli jew irreparabbli li jwassal ghan-negazzjoni tad-dritt tieghu; dan ifisser li mandat ta' din ix-xorta ma ghandux jinhareg biss fuq allegazzjoni ta' danni sofferti, ghaliex din dejjem tista' tigi sanata **("Joseph Gerada vs Francis Gerada et"** – P.A. (RCP) – 15 ta' Novembru 1999). F'dan il-kuntest din il-Qorti qed tiehu konjizzjoni wkoll tal-fatt li l-istess barriera qed tithaddem miz-zewgt ahwa partijiet f'din il-pendenza, nkluz allura l-effetti li l-hrug ta' tali mandat jhalli fuq l-intimati.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta' tal-intimati datata 6 ta' Gunju 2008 biss u limitatament ghal dak konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati kif kontenuta fir-rikors taghhom datat 23 ta' Mejju 2008** u dan *stante* li hija legalment insostenibbli ghar-ragunijiet moghtija f'dan il-provediment.

Bl-ispejjez minhabba c-cirkostanzi tal-kaz jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------